VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,653, 7 ta' Ottubru, 2016
Taqsima B

A.L. 327 tal-2016

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2016 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Sport and Active Lifestyles taħt il-patroċinju tal-Istitut għall-Edukazzjoni Fiżika u Sport

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Istitut għall-Edukazzjoni Fiżika u Sport bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 5(b)(v) tal-Istatut għall-Istitut u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2016 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad tal-2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Sport and Active Lifestyles - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Sport and Active Lifestyles taħt il-patroċinju tal-Istitut għall-Edukazzjoni Fiżika u Sport, ippubblikati bħala Avviż Legali 191 tal-2013, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2016 jew wara.

L-Emenda għat-titlu tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok it-titlu tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"L-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Sport and Physical Activity – B.Sc. (Hons) SPA - taħt il-patroċinju tal-Istitut għall-Edukazzjoni Fiżika u Sport"

VERŻJONI ELETTRONIKA

L-Emenda għall-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok l-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"**It-Titlu u l-Interpretazzjoni**

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Sport and Physical Activity – B.Sc. (Hons) – SPA - taħt il-patroċinju tal-Istitut għall-Edukazzjoni Fiżika u Sport.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Istitut għall-Edukazzjoni Fiżika u Sport;

"iċ-Ċertifikat" tfisser is-Certificate in Sport and Physical Activity – Cert. SPA;

"id-Diploma" tfisser id-Diploma in Sport and Physical Activity – Dip. SPA;

"il-Grad" tfisser il-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Sport and Physical Activity – B.Sc. (Hons) - SPA;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-Bachelor or Science (Honours) in Sport and Physical Activity – B.Sc. (Hons) - SPA; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2004 għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad."

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

5. Il-paragrafu (5) li ġej għandu jidħol wara l-paragrafu (4) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali:

"(5) L-applikanti kollha għandhom jippreżentaw ċertifikat dwar il-kundizzjoni medika, skont il-formola preskritta pprovduta mill-Istitut għall-Edukazzjoni Fiżika, li għandu jsir fl-istess sena meta jissottomettu l-applikazzjoni u jippreżentaw *portfolio* li juri l-interess u l-impenn għall-Edukazzjoni Fiżika u Sport."